MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 376/2012

**Il-Pulizija**

**(Spt. Keith Arnaud)**

**Vs**

**Roderick Debono**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant/appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 155680(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Awwissu 2010, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' wara nofs inhar, fl-inħawi ta' Fleur-de-Lys, Birkirkara, wara li kien ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instabu għandu imfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi,jew instabu ghandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta kont soddisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu jinstabu għandu f'dak iż-żmien.

2. Kif ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fil-31 ta' Jannar 2008, f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' €1000 fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex titratta ma' Rpoderick Debono bħala li kien reċediv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant/appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundannatu xahrejn (2) priġunerija.

5. Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Debono minnu ppreżentat fid-19 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett għall-effetti u finijiet kollha tal-liġi, alternattivament jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel akkuża, bl-addebitu tar-reċidiva, u filwaqt illi tiddikjarah mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

6. Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-26 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok issib lil Roderick Debono ħati tal-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu skont il-ligi u tinfliġġi fuqha dik il-piena idonea skont il-ligi.

7. Fliet l-atti kollha proċesswali.

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

9. Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

10. Rat illi l-aggravji tal-appellant Roderick Debono huma s-segwenti u ċioe':-

11. Fl-ewwel lok, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-aggravji tiegħu fil-mertu, l-appellant umilment jissottometti illi s-sentenza datata d-disa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), hija nulla u bla effett, ai finijiet u effetti kollha tal-liġi, u dan peress illi ma tissodisfax id-dettami tal-liġi kif stipolat fil-Kodiċi Kriminali li jipprovdi illi sentenza għandha tillibera jew issib ħtija, fuq kull imputazzjoni addebitata lill- imputat. Għalkemm l-appellant kellu żewġ (2) akkużi, bl-addebitu tar-reċidiva, u ċioe dik illi wara kundanna ta' serq jew riċetazzjoni, jinstabu fil-pussess tiegħu ghodod intizi għal sgassar u naqas milli jaghti kont sodisfacenti għal tali pussess, u l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien minn l-arrest, kif ukoll l-addebitu tar-recidiva, l-Ewwel Qorti bi svista provdiet biss għall-ewwel akkuża, flimkien ma' l-addebitu tar-recidiva filwaqt li ma ppronunzjatx ruħha a rigward tat-tieni akkuża u ċioe' dik tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

12. Illi din it-tieni akkuża, kienet ġiet miżjuda wara illi l-appellant tressaq il-Qorti b'arrest jiġifieri fil-preżentata. Filfatt din l-akkuża ġiet miżjuda wara, u dan kif jirrizulta minn verbal datat t-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fejn il-prosekuzzjoni, u ċioe l-Ispettur Keith Arnaud, żiedet it-tieni akkuża tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, filwaqt illi ppreżentat ċitazzjoni ġdida mmarkata bħala 'Dok KA 1', a fol 18 tal-proċess, bl-akkużi kif korretti jew aħjar kif miżjuda. Wara kien rega' sar l-eżami tal-imputat kif mitlub mil-liġi.

13. Konsegwentement, l-appellant umilment jissotometti illi din is-sentenza hija nulla u bla effett u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha, filwaqt illi tiddikjara l-istess nulla u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-liġi, terga' tibgħat l-Atti kollha lura lill-Qorti tal-Maġistrati, sabiex din il-kawza terġa' tiġi deċiża mill-ġdid wara illi l-Qorti tikkonsidra l-provi migjuba quddiemha, u b'hekk l-appellant ma jiġix mċaħħad mid-dritt tiegħu, tal-benefiċċju tad-doppio esame, liema huwa meqjus bħala dritt fundamentali ta' persuna akkużata.

14. Sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti għandu wkoll eċċezzjoni fil-mertu, liema għandha tigi kkunsidarata biss f'kaz illi l-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata minnu.

15. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, jidher illi sabet htija fl-appellant a bazi tal-fatt illi dan naqas milli jagħti lill-Pulizija kont soddisfaċenti għal liema skop leġtittimu kienu jinstabu għandu l-għodod allegatament intiżi għal sgass jew ftuħ ta' serraturi, u dan wara kundanna preċedenti ta' serq, u dan waqt l-investigazzjoni. Filfatt fl-istess sentenza l-Qorti qalet hekk *'illi a rigward tal-ahhar element u ċioe dak li l-imputat kellu jaghti kont sodisfacenti ta' dawn l-ghodod, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm hi tirrispetta id-dritt tas-silenzju li gie ezercitat mill-imputat kwazi mill-bidu meta sabuh il-Pulizja kif ukoll fl-istqarrijiet tieghu fejn huwa wiegeb ghal kull domanda kull ma wegibx, fuq in-naha l-ohra dan ir-reat jikkontempla illi l-imputat ma jkunx ta kont sodisfacenti mill-bidu nett ta' meta nstab.'*

16. Bir-rispett kollu l-appellant ma jaqbel xejn ma' dan l-argument. L-appellant m'ghandu l-ebda obbligu li jikkollabora mal-Pulizija, u l-fatt illi huwa ma wiegeb l-ebda domanda, u ma tahomx informazzjoni dwar dawn l-ghodod, l-aktar fl-isfond tal-fatt illi huwa kien irrifjuta d-dritt tieghu illi jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tiegħu, ma tista` qatt tintuza kontra tieghu ghal sejbien ta' htija. Bir-rispett kollu, l-Ewwel Qoti ma setghet qatt tghid illi hija qed tirrispetta d-dritt ta' silenzju tal-imputat, u fl-istess nifs tibbaza s-sejbien ta' ħtija fuq il-fatt illi huwa baqa' silenzjuż. F'dan il-każ, stante illi l-appellant għażel li ma jikkonsultax ma' avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu, ma setghet issir ebda inferenza. Ghalhekk il-Qorti hija totalment zbaljata fl-argumentazzjoni taghha.

17. Jigi ulterjorment sottomess illi ghalkemm l-appellant ma ta ebda spjegazzjoni lill-Pulizija, kif del resto kellu dritt li jaghmel, huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti, u bil-gurament tieghu ta kont aktar minn sodisfacenti ghar-raguni ghalfejn kellu dawn l-għodda fil-pussess tiegħu, eżattament fil-vettura tiegħu. L-appellant, filfatt, għalkemm ghandu d-dritt tas-silenzju, u ma huwa obbligat illi jipprova xejn anke fl-Awla, huwa xehed minn jeddu (u dan fl-erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u ħdax (2011)), fejn spjega illi huwa kien juża din l-ghodda sabiex iqatta' l-injam, sabiex isajjar l-ikel tal-klieb gewwa r-razzett ta' missieru. Huwa spjega illi ma setax ihalli din l-għodda warajh, għax mhux l-ewwel darba li nsterqu affarijiet minn hemm, peress illi kien hemm ħafna jdejn illi kellhom aċċess għar-razzett. Filfatt l-appellant spjega

dettaljament kif kien juza din l-għodda *'kont inżarma l-injam, inqattagħhom, imbagħad inkissirhom, nitfagħhom ġo tank, u nsajjar bih għall-ike! tal-klieb. . . kif kont inlesti minnhom kont nitfagħhom ġo baskett u neħodhom miegħu.'*

18. Ix-xhieda tal-appellant ġiet kkorraborata wkoll b'dak li xehed George Xuereb, illi spjega lill-Qorti illi huwa kien ta' spiss ikun jgħin lil l-appellant fir-razzett, u jaf bħala fatt illi mhux l-ewwel darba illi sabu xi ghodda nieqsa mill-kmamar tar-razzett. Kien għalhekk illi l-appellant kien kostrett jiehu l-ghodda mieghu d-dar. Għalhekk, a kuntrarju ta' dak illi qalet l-Ewwei Onorabbli Qorti, u ċioe illi l-appellant naqas milli jagħti kont soddisfaċenti tar-raġuni għalfejn kellu dawn l-għodod għandu, hija żbaljata u dan peress illi l-appellant effettivament spjega, u anke b'certa dettall u konsistenza, l-iskop legittimu għalfejn din l-ghodda kienet fil-pussess tiegħu. Inoltre, l-liġi ma tispeċifikax fl-liema stadju persuna ghandha taghti kont sodisfacenti tal-pussess ta' dawn l-għodda, kif donnu qed tipprova targumenta l-Ewwel Qorti; pero' ċertament, meta l-legislatur specifika l-kliem 'kont sodisfacenti' zgur illi ma kellux f'moħħu illi dan il-kont għandu jingħata sa mill-bidu nett, lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni.

19. Il-Qorti rreferiet ukoll għal dak li aliegatament Josef Buttigieg, il-persuna illi nstab fuq il-post flimkien mal-appellant qal lil Pulizija waqt l-investigazzjoni. Bir-rispett kollu, l-Qorti qatt ma kellha tagħti piż għal dan, u dan peress illi dan Josef qatt ma ttella' jixhed, u għalhekk dak illi huwa allegatament qal lill-Pulizija, ma jista' tagħmel ebda prova fil-konfront ta' l-appellant.

20. Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti f'dan li ġej.

21. Illi fis-16 ta' Luiju 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), hi minhabba x-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-imputat appellat gie misjub ħati, kif ukoll in kwantu s-sentenza hi nulla stante li dik il-Qorti naqset milli tippronunzja ruhha fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra l-imputat appellat u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, inter alia, ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iii) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**A. Il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), hi minhabba x-xorta jew kwantita' taghha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-imputat appellat gie misjub ħati;**

22. Illi fis-seduta ta' l-20 t'Awwissu 2010 l-imputat appellat gie imputat lilu l-ewwel irnputazzjoni imsemmija hawn iktar 'l fuq, cioe' ir-reat ikkontemplat taht l-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi eventwalment fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Settembru 2010, l-Ufficjal Prosekutur irrileva li kien ser iżid imputazzjoni oħra, u ċioe' il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D nhar il-31 ta' Jannar 2008;

23. Illi meta imbagħad l-Qorti tal-Maġistrati għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha fil-konfront tal-imputat appellat din naqset milli tieħu in konsiderazzjoni din it-tieni irnputazzjoni u fil-fatt din ġiet eskluża kompletament minn din is-sentenza;

24. Illi għalhekk dik il-Qorti għaddiet sabiex tagħti sentenza ta' piena li minħabba x-xorta jew kwantita' taghha, hi differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-imputat appellat ġie misjub ħati;

25. Illi fil-fatt l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

*Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondi:zjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha Ii bih taghti helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew ghal multa ta' prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fll-helsien mill-arrest taht garanzija jista' jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

26. Illi għalhekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena moghtija fil-konfront tal-imputat appellat kellha necessarjament tkun iktar minn dik ta' xahrejn prigunerija;

**B. <u>Nullita' tas-sentenza</u>**

27. Illi barra minnhekk skond gurisprudenza kostanti meta Qorti ma tghid xejn dwar irnputazzjoni partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. Fil-fatt, fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Omissis Mark Camilleri datata 19 ta' Mejju 2005:

*"……..skont ġurisprudenza kostanti, meta l-Qorti tal-Magistrati tati s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom ikun misjub ħati. Inoltre l-Qorti għandha tindika taħt liema akkużi l-imputat ikun instab ħati u minn liema hu jkun ġie liberat. Jekk sentenza ma tgħid xejn dwar akkuża partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" (13.10.20041, "Il-Pulizija vs. Piju Gafa" [18.4.1959]; "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina" [26.11.1960]; "Il-Pulizija vs. Frans Portelli" [3.3.1992] u oħrajn) u din in-nullita' hija anki sollevabbli "ex officio" mill-Qorti tal-Appell (App. Krim. "Il- Pulizija vs. Emmanuel Zammit" [16.1.1986] u oħrajn)."*

28. Illi għalhekk is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hawn fuq riferita hi nulla għar-ragunijiet hawn fuq suesposti.

**Is-Sentenza tal-1 ta' Novembru 2013**

29. Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti kienet iddisponiet kif ġej mill-aggravji dwar in-nullita' tas-sentenza mogħtija kemm mill-appellant kif ukoll mill-Avukat Ġenerali:

**'Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali u qed tiddikjara s-sentenza mogħtija fil-ismijiet premessi tad-9 ta' Lulju 2012 bħala nulla. Qed tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni dwar il-mertu.'**

30. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

31. Li fil-fehma tal-Qorti, f'din is-sitwazzjoni kien prattiku li teżamina dak li qalu x-xhieda mill-ġdid. Mill-atti tal-proċess jirriżulta dan li ġej minn dak li qalu d-diversi persuni li taw ix-xhieda tagħhom bil-ġurament.

32. L-Ispettur Keith Arnaud qal li l-appellant u Josef Buttigieg (ID 133680) kienu qed jippissaġġaw fl-inħawi tal-Fleur de Lys. Buttigieg kien għarraf lill-Pulizija li huwa kien qed jippassiġġa fl-inbħawi meta kumbinazzjoni ltaqa' mal-appellant. L-appellant kien qal li wasal fuq il-post b'tal-linja flimkien ma' Buttigieg biex ikellmu xi ħabib.

Meta kellem liż-żewġ persuni, Buttigieg qal li hu kien mar fl-inħawi bil-mixi kif jagġmel ta' spiss. Min-naħa l-oħra l-appellant qal li li kien qabad tal-linja minn Ħal-Kirkop għall-Belt u imbagħad mill-Belt mar lejn il-Fleur de Lys biex ikellem xi ħabib tiegħu. L-appellant qal li kien iltaqa' ma' Buttigieg Putirjal. Bħal Buttigieg huwa qal li kienu lemħu xi sidien ta' ħwienet iħarsu lejhom b'mod suspettuż u huma ddeċidew li jitliqu minn hemm.

33. Fil-but tal-appellant instabet ċavetta ta' Mitsubishi Pajero. L-appellant kien għadu kif qal li l-karozza kienet għand il-mechanic. Din il-karozza nstabet kantuniera biss 'il bogħod minn fejn kienu twaqqfu s-suspettati. Fil-karozza kien hemm baskett tal-Adidas in-naħa tal-passiġġier. Dan ik-baskett kien fih biċċtejn għaodda kbar – tornavit ċatt kbir mhux ħażin u oħxon u lieva ta' daqs medja. Kien hemm ukoll baseball cap iżda din instabet fil-karozza iżda ma kinitx fil-baskett.

34. x-xhud qal li huwa kien staqsa lill-appellant għala kellu dawn l-għodda iżda ma ngħata ebda tweġiba.

35. Fil-kontro-eżami l-Ispettur qal li fil-karozza kien hemm tliet baseball caps u xi t-shirt. Huwa kkonferma li t-tfittxija saret fil-preżenza tal-appellant. Huwa kien bagħat lill-appellant fuq il-post meta nstabet il-karozza.

36. Meta l-Ispettur Arnaud reġa' xehed huwa ppreżenta erba' ritratti li kienu ttieħdu mill-Pulizija tal-Forensika. Huwa ppreżenta wkoll sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant tal-15 ta' Ġunju 1999. (Skont din is-sentenza huwa kien liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin. L-identita' kienet ikkonfermata mill-ex-Spettur Mario Bonnici) Għall-fini tar-reċidiva huwa esibixxa sentenza tal-5 ta' Ġunju 2006. (fol 57). (Skont din is-sentenza l-appellant kien tpoġġa taħt ordni ta' proabtion għal żmien sentejn). Ma' dawn ippreżenta wkoll kondizzjonijiet tal-bail li kienu ngħataw mill-Maġistrat Dr Giovanni Grixti fil-31 ta' Jannar 2008. Fost dawn il-kondizzjonijiet kien hemm waħda li l-appellant ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest. (Dawn il-kondizzjonijiet kienu kkonfermati mill-Ispettur Anthony Portelli a fol 74).

37. Fl-istqarrijiet li għamel l-appellant fid-19 t'Awwissu 2010 huwa wieġeb domanda waħda biss. Din kienet dwar għala l-ID Card tiegħu kienet maqsuma (fol 37).

38. Xehed ukoll PC 445 Adrian Paul Bugeja li qal li kienu marru l-Fleur de Lys fejn sid ta' banka tal-lottu ddeskrivielhom żewġ persuni li kienu qed iqanqlu suspett. Il-Pulizija kienu sabu liż-żewġ persuni ftit 'l isfel fuq l-istess bankina u l-appellant kien qalilhom li kien mar hemm b'tal-linja. Fuq struzzjonijiet li kellhom huma kienu fittxew u sabu karozza pajero ħadra bin-numru PAJ 017. Din kienet tgħajjat lill-appellant. Kienu lemħu baskett fuq in-naħa tal-passiġġier mal-art.

39. Xehed ukoll PC 752 Justin Said li kkonferma dak li qal PC 445 Adrian Paul Bugeja dwar l-informazzjoni mogħtija mis-sid tal-banka tal-lottu. Wara li arrestaw liż-żewġ persuni, huma

marru jfittxu l-karozza wara l-banka tal-lottu fejn sabu l-pajero PAJ 017 bil-baskett mal-art in-naħa tal-passiġġier.

40. Dawn id-dettalji kienu kkonfermati wkoll minn PS 435 David D'Amato (fol 45). . Dan żied li kienet instabet ukoll kartiera sewda vojta. It-tfittxija fil-karozza saret fil-bitħa tas-CID. Il-lieva u t-tornavit kienu qegħdin ġol-baskett.

41. Xehed ukoll PC 327 Sean Pace li qal li huma kienu qagħdu għassa mal-karozza sakemm kien inġieb l-appellant mid-depot. Kien l-appellant li fetaħ il-karozza u tellagħha fuq il-loader.

42. Xehed ukoll PC 1303 Brian Micallef li qal li kien qagħad jistenna ħdejn il-karozza pajero wara li din kienet instabet. Imbagħad kien mar l-appellant flimkien mal-pulizija u l-karozza ittieħdet lejn id-depot. Fil-karozza nstabu l-affarijiet li diġa' kienu indikati mix-xhieda l-oħrajn. It-tfixxija fil-karozza saret fil-preżenza tal-appellant.

43. Xehed PC 1266 Simon Schembri li qal li kienu waqqfu żewġ persuni fuq struzzjonijiet li kellhom. Dan seħħ għall-ħabta tal-5.30pm.

44. Imbagħad xehed PC 337 Mark Mercieca li kkonferma dak li qal ix-xhud ta' qablu u żied jgħid li l-appellant kien qallu li kien miexi f'dik it-triq.

**Xhieda Difiża**

45. Xehed l-appellant fl-14 ta' Novembru 2011 li qal li l-għodda misjuba (lieva u tornavit) mill-pulizija kien jużaha għal ċertu affarijiet fir-razzett biex ikisser il-pallets biha. Huwa kien iżomm l-għodda miegħu minħabba li fir-razzett (fejn kien jużaha) kien hemm ħafna jdejn. Kemm-il darba kien sab l-għodda nieqsa u għalhekk kien jitfagħhom ġol-baskett. Huwa kien

iżarma xi pallets, iqattagħhom, u jużahom billi jaħraqhom biex isajjar l-ikel lill-erbat iklieb li kellu. Huwa ma kienx ta din l-ispjegazzjoni għax ma ħassx li kellu jgħidilhom dan kollu.

46. Dak in-nhar meta kien arrestat huwa kien ser ikellem persuna. Huwa xtaq li din il-persuna tit;a' tixhidlu iżda din il-persuna qaltlu li ma riditx ikollha x'taqsam mal-pulizija. Huwa kien sejjer lura lejn il-vann meta waqqfuh il-pulizija. Huwa kien ma' Josef Buttigieg li kien riekeb miegħu fil-karozza. (fol 81). Lill-Pulizija kien qalilhom ukoll li kien b'tal-linja. Lill-Pulizija kien tahom din il-verżjoni għaliex 'hekk ħass li kellu jagħmel.'. Huwa ma kienx wieġeb il-mistoqsijiet tal-istqarrija minħabba li l-Ispettur kull darba beda jgħidlu 'giddieb.'

47. Fil-kontro-eżami huwa qal li kien għadu kemm uża l-għodda u waddabha fil-karozza. Dwar il-ħwejjeġ li nstabu fil-vann l-appellant qal li dawn kien jinżagħhom meta jħoss is-sħana u jħallihom fil-karozza. Huwa qabel li l-ispettur kien qallu li jekk jagħtih raġuni tajba għala dawk l-affarijiet kienu fil-karozza, l-Ispettur kien qallu li jneħħilu l-arrest. (fol 84). L-appellant baqa' jinsisti li ma ħassx li kellu jgħidlu r-raġuni lill-Pulizija. Meta l-Prosekuzzjoni għafset dwar il-preżenza taċ-ċavetta tal-pajero fil-but tal-appellant meta lill-Pulizija kien qalilhom li mar b'tal-linja, l-appellant qal li ma kienx hemm raġuni għala kien qal hekk.

48. Xehed ukoll is-sur George Xuereb li qal li missier l-appellant kellu razzett f'Ħal-Kirkop. L-appellant kien jieħu ħsieb il-klieb. Huwa qal li l-lieva u t-tornavit kienu jużawhom biex iżarmaw il-pallets. Huwa stess ġieli kien uża din l-għodda. Kemm-il darba me kinux sabu l-għodda u jmorru jixtru sett ieħor. L-appellant kien iżomm l-għodda d-dar minħabba li din l-għodda kienet ta' spiss tonqos.

49. Fil-kontro-eżami x-xhud semma diversi għodda li kienu jinsabu fir-razzett. Dawn kienu jinżammu f'kamra fir-razzett li ma tissakkarx. Kien hemm ukoll generator iżda dan ma jintużax ħafna. Huwa kien jaf li ġieli naqsu l-għodda għaliex kien imur biex iġib l-għodda u ma jsibhomx. Iżda ħadd ma kien qallu li xi ħadd qed jidħol u jisraq l-għodda.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

50. L-appell tal-intimat/appellant huwa primarjament dwar apprezzament tal-provi. Kif diġa' ntqal diversi drabi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti jekk ma jkunx hemm raġuni tassew valida li tista' twassal għal konlużjoni differenti.

**L-artikolu 287 tal-Kap 9**

51. Il-Qorti qed tirriproduċi testwalment dak li jiddisponi l-artikolu 287 tal-Kap 9. Dan jgħid hekk:

'**287.** Kull min, wara li jkun **ġie ikkundannat f' Malta għal serq**, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, **jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi**, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema

skop leġittimu jinsabu għandu f' dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.'

52. Barra l-element intenzjonali, dan l-artikolu jirrikjedi

(a) kundanna għal serq jew riċetazzjoni; u

(b) pussess ta' għodod tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi; u

(ċ) li l-imputat ma jagħti ebda kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu instabu dawn l-għodod għandu dak iż-żmien.

**L-Ewwel Element**

53. Dwar l-ewwel element il-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza tal-15 ta' Ġunju 1999 meta l-appellant kellu 19-il sena u kien instab ħati ta' serq ta' diversi oġġetti iżda flok kien ikkundannat kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jwettaq ebda reat fi żmien tliet snin.

**It-Tieni Element**

54. Dwar it-tieni reat il-Prosekuzzjoni ġabet prova, ukoll permezz ta' ritratti, li fil-karozza tiegħu l-appellant kellu kemm lieva kif ukoll tornavit. Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-għodda tista' faċilment tintuża sabiex isir sgass. Flimkien ma' din l-għodda kien hemm tliet brieret tal-baseball li jintużaw komunement sabiex titwettaq xi serqa. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat dan l-element ukoll.

**It-Tielet Element**

55. Fl-aħħarnett jibqa' l-element jekk l-appellant tax raġuni tajba għala dawn l-għodda kienu jinsabu fil-karozza.

56. Il-Qorti l-ewwelnett tirribadixxi li kull imputat għandu d-dritt għas-silenzju. U għalhekk kien liberu l-appellant li ma jgħid xejn. Iżda dan ma jfissirx li ma jistax ikollok liġijiet fejn l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-imputat. Hekk, per eżempju, għandna diversi liġijiet fejn il-piż tal-prova li direttur ta' soċjeta' ma kienx jaf li kienet qed issir xi ħaġa kontra l-liġi jaqa' fuq id-direttur. Artikoli f'liġijiet oħra – bħal, per eżempju, li wieħed huwa kopert b'assigurazzjoni biex isuq jew li wieħed għandu awtorizzazzjoni li juża ċerta medikamenti – ukoll jesiġu li l-prova tinġieb mill-imputat. Dawn bl-ebda mod ma jmorru kontra d-dritt tas-silenzju tal-imputat jew kontra l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Fil-fatt il-Qorti qed tirriproduċi deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar dan il-punt li fih kien involut każ minn Malta.

57. 'AS TO THE ADMISSIBILITY OF

Application No. 16641/90
by A.G.
against Malta

The European Commission of Human Rights sitting in private on 10 December 1991, the following members being present:

Having regard to Article 25 of the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms;

Having regard to the application introduced on 22 January 1990 by A.G. against Malta and registered on 31 May 1990 under file No. 16641/90;

Having regard to the report provided for in Rule 47 of the Rules of Procedure of the Commission;

Having deliberated;

Decides as follows:

THE FACTS

The applicant, who lives in A., Malta, is a Maltese citizen born in 1946. He is a company director. He is represented by Mr. Joseph Brincat, an advocate practising in Valetta.

The facts, as submitted by the applicant, may be summarised as follows.

The applicant was charged with customs offences of making a statement or furnishing a document or information which to his knowledge was false in a material particular, or recklessly making a statement which was false in a material particular, i.e. he was accused of making under-valuations on entries presented for the calculation of customs duties. The goods in question were confiscated.

There were two sets of proceedings. He was convicted on 29 June 1982 by the Criminal Court of Magistrates of having presented two customs declarations signed by him personally which were false and sentenced to a fine of the equivalent of 1 million French Francs.

On the same day, the applicant was acquitted of similar charges on the ground inter alia that there was no proof that the applicant had signed the entries in question. The prosecutor appealed to the Court of Criminal Appeal which, on 27 April 1984, referred the matter to the First Hall of the Civil Court since the applicant had raised constitutional issues which it was not competent to deal with. The applicant argued that Article 13 of Act VII of 1975 relied on by the prosecution was contrary to the presumption of innocence guaranteed under the Constitution.

Article 13 provides, inter alia, that,

"where any offence under or against any provision contained in any Act, whether passed before or after this Act, is committed by a body or other association of persons, be corporate or unincorporate, every person who, at time of the commission of the offence, was a director ... of such body or association, or was purporting to act in any such capacity, shall be guilty of that offence unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence..."

Article 40 (5) of the Constitution, provides that

"... every person who is charged with a criminal offence shall be presumed innocent unless he is proved guilty or has pleaded guilty but provided that nothing contained or done under the authority of any law should be held to be inconsistent with or in contravention of this subsection to the extent that the law in question imposes upon any person charged as aforesaid the burden of proving particular facts ...".

The Civil Court found that Article 13 only had the effect of placing the burden of proof of certain facts upon the person charged and that this did not conflict with Article 40 (5) of the Constitution.

The applicant appealed to the Constitutional Court.

On 29 November 1989, the Constitutional Court dismissed the applicant's appeal. It found that Article 13 placed the burden of proving certain facts on the person charged but that the presumption created by the provision was rebuttable and not unreasonable, since otherwise it would be impossible in the majority of cases for the prosecution to prove its case against a company. It concluded therefore that Article 13 was not in conflict with the Constitution.

The case was then remitted to the Court of Criminal Appeal to be decided in accordance with law. It appears however that the court has exercised its discretion to suspend proceedings pending the application before the Convention organs.

COMPLAINTS

The applicant complains that Article 13 of Act VII of 1975 contravenes Article 6 para. 2 of the Convention in that it deprives him of the presumption of innocence. He submits that the legal defence provided for in Article 13, based on the cumulative conditions laid down in that Article, is self-contradictory. If the applicant proves lack of knowledge it is necessarily implied that he was insufficiently diligent. Given the contradiction, the applicant complains that it is impossible for him to rebut the presumption of guilt contained in Article 13.

THE LAW

The applicant complains that he has been deprived of the presumption of innocence guaranteed by Article 6 para. 2 (Art. 6-2) of the Convention, which provides:

Everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until proved guilty according to law."

The applicant submits that the defence provided for in Article 13 of Act VII of 1975 is self-contradictory and makes it impossible for him to rebut the presumption of guilt imposed by it.

The Commission recalls that presumptions of fact or of law operate in every legal system and that while the Convention does not prohibit such presumptions in principle, Article 6 para. 2 (Art. 6-2)requires States to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights
of the defence (see e.g. Eur. Court H.R., Salabiaku judgment of 7 October 1988, Series A no. 141A, pp. 15-18, paras. 28-30).

The Commission notes that in the present case the legislation provides that a director of a company is presumed guilty of an offence committed by the company unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence. The applicant was therefore provided under the legislation with the possibility of exculpating himself. The Commission does not consider that the conditions, which required the applicant to prove that he had no actual knowledge of the offence and also was not negligent in his duties as an officer of a company, were self-contradictory or imposed an irrebuttable presumption. The Commission further finds that the Maltese courts enjoyed a genuine freedom of assessment in this area and that there is no indication that Article 13 of the 1975 Act was applied to the applicant in a manner incompatible with the presumption of innocence.
The Commission considers therefore that the application is manifestly ill-founded within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention.

For these reasons, the Commission unanimously DECLARES THE APPLICATION INADMISSIBLE.’

58.Fil-każ ta’ llum kulmaien mitlub jaħgmel l-appellant / appellat kien li jagħti spjgazzjoni għala dik l-għodda kienet għandu u xejn aktar.

59. Il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina dak li qal l-appellant kemm fil-bidu kif ukoll minn fuq il-pedana tax-xhieda. Minn dak li ntqal fil-bidu nett tirriżulta inkonsistenza serja bejn dak li qal l-appellant u dak li kien ġara. Huwa nsista li kien mar il-Fleur de Lys bil-karozza tal-linja meta filfatt il-karozza tiegħu bl-għodda b’kollox instabet tefa’ ta’ ġebla ‘l bogħod minn fejn kien sar ir-rapport dwar l-aġir suspettuż ta’ tnejn min-nies. M’hemm ebda dubju li l-karozza ma ntmessitx sakemm inġab l-appellanti stess fuq il-post u li hu kellu ċ-ċavetta tal-karozza fil-but.

60. Meta l-appellant għażel li jixhed huwa qal li kien juża l-għodda sabiex iħott ċerta pellets u imbagħad dawn jużahom biex jaħraqhom u jkun jista’ jsajjar l-ikel lill-klieb. Huwa qal li kien iżommhom fuq minħabba l-biża’ li dawn jonqsu mir-razzett ta’ missieru għaliex hemm kien hemm ħafna idejn.

61. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma ssibx li din il-verżjoni hija waħda affidabbli. Hija kumbinazzjoni qawwija ħafna li din l-għodda tinsab flimkien ma’ tliet baseball caps. Barra

minn dan l-appellant xejn ma kien konvinċenti meta kien mistoqsi għal darba, tnejn, tlieta l-għala ma kienx ta dawn id-dettalji dak in-nhar tal-arrest. Il-Qorti ma ssibx adegwata l-iskuża li ta l-appellant 'Għax jien hekk ħassejt'. Huwa kien jinsab arrestat u bniedem arrestat ifittex il-liberta' malajr kemm jista' jkun. Isegwi, li jekk wieħed għandu raġuni tajba, jagħtiha u mhux joqgħod jesponi ruħu għal proċeduri fil-Qorti. Fl-aħħarnett, l-appellant, waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda, naqas li jagħti isem tal-ħabib li kien sejjer iżur. Huwa jgħid li lil dan talbu jitla' jixhed iżda dan tal-aħħar kien irrifjuta għaliex ma riedx jidħol fi proċeduri li kienu jinvolvu l-Pulizija. Bir-rispett kollu, din il-Qorti mhix taċċetta din ir-raġuni. Xejn ma żamm lill-appellant milli jitlob lill-Pulizija tħarrek lil dan il-ħabib biex jitla' jixhed bħalma xejn ma żammu milli filfatt jitlob li jitla' jixhed George Xuereb in difesa.

62. Dwar ix-xhieda ta' George Xuereb, il-Qorti ma tħossx li din saħħet dak li xehed l-appellant. Żgur li dak li qal dan ix-xhud ma jwassalx biex wieħed joqgħod jiġri b'din i-titp ta' għodda ferm 'il bogħod mid-dar jew mir-razzett u propju ħdejn is-seat tal-passiġġier.

63. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti dwar dan it-tielet element. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma tax spjega sodisfaċenti għala dawk l-għodda li kienu tajbin għal sgass jew ftuħ ta' serraturi kienu għandu f'dak il-post u f'dak il-ħin.

64. Għalhekk, bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti qed issib lill-appellant ħati ta' din l-imputazzjoni u qed tiċħad l-aggravju tal-appellanti dwar il-mertu.

**It-Tieni Imputazzjoni**

65. Dwar it-tieni imputazzjoni (ara fol 18 u 19 tal-proċess) ma jidhirx li kien hemm deċiżjoni mill-Qorti tal-Maġistrati.

66. Mill-atti jirriżulta li l-appellant kien ingħata l-liberta' proviżorja fil-31 ta' Jannar 2008 (fol 54). Waħda mill-kondizzjonijiet kienet li ma jwettaqx reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest. (Ara kundizzjoni numru 4)

67. Minħabba li nstab ħati tal-ewwel imputazzjoni (liema reat seħħ fit-18 t'Awwissu 2010), isegwi li l-appellant kiser din il-kundizzjoni. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati skont l-artikolu 579(2) li jgħid hekk:

''(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-gvern.''

**L-addebitu tar-reċidiva**

68. Barra dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, l-appellant kellu wkoll jirrispondi għall-addebitu tar-reċidiva. Fil-proċess il-Prosekuzzjoni esibiet is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1999, u s-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2006.

69. Fit-tieni sentenza l-appellant ma kienx instab ħati ta' serq u kien tpoġġa taħt probation. Għalhekk it-tieni sentenza ma tgħoddx għal dik li hija reċidiva u dan ai termini tal-artikolu 25(1) tal-Kap 446. (Ir-reat lanqas twettaq matul iż-żmien tal-liberazzjoni b'kundizzjoni għaliex iż-żmien kien diġa' għadda. L-appellant qatt ma kien akkużat b'tali ksur matul dawn il-proċeduri).

70. Fl-ewwel sentenza l-appellant kien instab ħati ta' serq kien liberat b'kundizzjoni għal tliet snin. Biss fil-każ tas-serq japplika l-artikolu 289 tal-Kap 9 li huwa artikolu b'reċidiva speċjali.

71. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva. F'dan il-kaz, pero', iż-żieda fil-piena hija fakoltativa u mhix mandatorja.

**Konklużjoni**

**72. Għaldaqstant il-Qorti, waqt li tirreferi għas-sentenza tagħha tal-1 ta' Novembru 2013 fejn din il-Qorti kienet aċċettat l-aggravji tal-Prosekuzzjoni u tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2012 minħabba li l-Qorti ma kenitx ikkonsidrat it-tieni imputazzjoni miżjuda mill-Prosekuzzjoni, qed tiċħad l-appell tal-appellant/intimat f'dik il-parti tal-appell dwar il-mertu u qed tilqa' dik il-parti tal-appell tal-Avukat Ġenerali dwar il-piena. Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, piena ta' multa dwar l-imputazzjoni li ma kenitx ikkunsidrata mill-Qorti tal-Maġistrati hija waħda idonea u din għandha tiżdied mal-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ta' xahrejn priġunerija effettivi. Għalhekk il-Qorti, wara li diġa' ddikjarat is-sentenza tad-9 ta' Lulju, 2012 bħala nulla, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 287, 289, u 579(2) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-appellant għal xahrejn priġunerija effettivi u għall-ħlas ta' multa ta' €468, liema multa tista' titħallas kollha fi żmien sena mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------